MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-28 ta' Frar, 2012

Numru 1527/2007

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca)

vs

Patrick Mangion

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 68773M akkuzat talli :

- fil- 21 ta’ Novembru 2007, ghall-habta tal- 11.30am gewwa mahzen tas-socjeta’ Roger Satariano & Sons Co. Ltd (ex- Medairco showroom), adjacenti ma l-ufficini ta’ l-istess socjeta’ fi Triq il-Wied, Birkirkara, flimkien ma persuni ohra, bil-hsieb li tikkomettu delitt ta’ serq, urejtu dan il-hsieb b’atti esterni, w tghajtu bidu ghall-eskuzzjoni

tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' taghhom, u li kieku gie esegwit kien ikun serq aggravat bil-mezz, u bil- valur li jeccedi l-elf lira Maltin.;

- rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin, liema sentenzi huma defenittivi w li ma jistghux jigu mibdula.

Rat r-rinviju ghall- gudizzju mahrug mill-Avukat Generali li bih u skond l-Artikolu tal-Ligi hemm citati bghat lill- imputat biex jigi gudikat minn dina l-Qorti dwar ir-rejita' jew nuqqas taghha;

Semghet ix-xhieda tal-prosekuzzjoni:

Semghet lill-imputat fl-istadju inoltrat tal-kawza, wara li l-prosekuzzjoni kienet esawrit il-provi taghha, jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni insista anka wara li l-Qorti tahtu zmien jirrikonsidra.

Fuq tali ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rat l-Artikoli 41 (1) (a), 261 (a) (b) (c), 262 (1) (b), 263, 264 (1), 265, 266 (1) (2), 267, 276 (b), 278 (1) (2), 279 (b) 280 (2), 289 (1) (2), 31, 49 u 50.
Tiddeciedi li tillibera lill-imputat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sentejn mill-lum.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-resposabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------